# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (Sede Kostituzzjonali)
### IMHALLEF

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Mejju 2000**

**Numru 1**

**Rikors numru 730/00 DS**

Hisham Bashir Abuzukhar
vs
Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali

Illum, 26 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Hisham Bashir Abuzukhar ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2000 li permezz tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi hu kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u eventwalment l-istess Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabitu hati ta' spacc u pusses ta' droga, u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' hames snin, b'dan li mill-istess piena m'ghandux jitnaqqas l-arrest preventiv. Kif ukoll ghall-multa ta' Lm4000 u l-ispejjez peritali, u dan skond sentenza tat-2 ta' Ottubru 1998.

2. Illi meta nghata l-istess sentenza l-esponenti ddikjara li kien behsiebu jappella. Fir-rikors tal-appell talab ir-riforma tas-sentenza peress li ma ghamel l-ebda appell mid-decizjoni li kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis sativa jew partijiet minnha.

3. Il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell ghar-riforma fl-10 ta' Mejju, 1999, u kkonfermat is-sentenza appellata.

4. Illi meta huwa mar il-habs bis-sentenza konfermata gie nfurmat mid-Direttur tal-Habs, li z-zmien li ghamel wara s-sentenza ma kienx se jitqies bhala skuntat, u li kien arrest preventiv li ma kellux jinqata' mis-sentenza.

5. Ill l-esponenti jirritjeni li tali interpretazzjoni dwar l-arrest preventiv pendenti l-appell, hija kontra l-ligi u ghalhekk effettivament qed jinghata piena akbar minn dik li kien inghata quddiem l-ewwel Qorti u li giet konfermata. L-ewwel Qorti setghet hadet in konsiderazzjoni z-zmien tal-arrest preventiv li kien diga' sar, u dan skond l-artikolu 22 tal-Kap. 9, imma ma setghetx tipprevedi wkoll li ma jitnaqqsux ukoll seba' xhur ohra li gew wara l-istess sentenza li giet konfermata. Inoltre l-esponenti appella limitament u cioe' talab ir-riforma peress li ma kienx qed jappella mill-kapi kollha. Fuq dik il-parti li ma sarx appell, kien diga' qed ikun hemm il-konferma, la minnha ma kienx hemm appell. Illi konsidrat iz-zmien ta' seba' xhur, dak kien pjuttost twil, tenut kont li ma kellhom jinstemghu l-ebda xhieda, u kien hemm l-atti kompilati, u li ma gewx rinovati bix-xhieda viva voce.

6. Illi l-fatt li d-Direttur tal-Habs, u kif qal hu fuq parir tal-Avukat Generali, sejjer izomm lill-esponenti ghal zmien anke meta kien hemm sentenza qed jilledi d-drittijet fondamentali tal-esponenti li huma protetti skond l-artikolu 5. 1(a) tal-Konvenzjoni Ewropeja, u qed issir enfasi f'dan ir-rigward li hemm anke vjolazzjoni ta' *procedure prescribed by law,* li tinkorpora kemm id-dritt sostantiv u kemm id-dritt procedurali nostran.

7. Illi inoltre hemm ukoll id-dritt li d-detenzjoni tkun dejjem legali, u ghalhekk l-esponentri qed jippretendi li jkollu rimedju malajr skond l-Artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni.

8. Illi skond ir-regoli tal-habs, seba' xhur habs effettiv ekwivalu ghal kwazi sena ohra habs f'kundanna. Illi l-fatt li skond il-ligi Maltija ma jistax ikun reformatio in peius fl-appell, bhal ma kien dan il-kaz, effettivament bit-tul taz-zmien u l-interpretazzjoni moghtija l-piena zdiedet effettivament u ghalhekk kien hemm vjolazzjoni anke tal-ligi sostantiva u procedurali. Iz-zmien f'dan il-kaz jikwadra li ma l-esponenti ma kellux *a trial within a reasonable time.*

9. Illi kull talba li kien hemm precedentement li hu jitqieghed fil-liberta' kienu kollha michuda.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja ghal dak li hemm previst fl-artikolu 5(1)(a), 5(4) u 6(1), u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. taghti dawk il-provvedimenti u dawk l-ordnijiet u dawk ir-rimedji, fosthom dak li l-arrest mit-2 ta' Ottubru 1998, ghandu jitnaqqas mill-piena, u kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet lamentati.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati fejn qalu illi:

Tenut kont tal-fatt li l-appell kien wiehed interpost mir-rikorrent imputat, fejn allura skond il-ligi il-piena karcerarja imposta fuqu mill-ewwel qorti ma tkunx ezegwibbli immedjatament imma biss minn dik id-data li l-appell jigi maqtugh u deciz, il-parir li ta l-esponent Avukat Generali lill-esponent intimat l-iehor Direttur tal-Habs, u cioe' li z-zmien kollu li ghadda wara s-sentenza tal-prim istanza sakemm effettivament gie maqtugh u deciz l-appell in kwistjoni, kien wiehed legittimu u in pjena osservanza tal-ligi.

Id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li kienet dik li kienet, u b'ebda mod ma wiehed jista' jipprova jinterpretaha li ordnat li jitnaqqas iz-zmien kollu li ghadda sakemm gie maqtugh u deciz l-istess appell. kieku riedet taghmel hekk dik il-Qorti setghet tordna hekk, izda ma ghamlet xejn minn dan kollu, u kwindi r-rikorrent imputat kellu jibda, skond il-ligi, jiskonta l-piena inflitta fuqu minn dak in-nhar li gie deciz l-appell tieghu.

Tali sitwazzjoni ma tistax issa tigi interpretata bhala wahda li prattikament ziedet il-piena karcerarja inflitta mill-ewwel qorti fuq l-imputat, imma pjuttost bhala wahda li issegwi naturalment, logikament u legalment id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Dwar l-ilment l-iehor tar-rikorrent imputat li s-smiegh tieghu ma kienx wiehed fi zmien ragonevoli, l-esponenti jissottomettu li inqas ma jikkoltiva dan l-ilment, li ovvjament huwa subordinat ghall-ewwel ilment tieghu u invokabbli biss jekk dak l-istess l-ewwel ilment tieghu jirrizulta wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt, ikun iktar ahjar, u dana ghaliex fic-cirkostanzi kollha tal-kaz certament ma hemm xejn li jindika, lanqas remotament, li l-appell tieghu gie maqtugh u deciz fi zmien mhux wiehed ragonevoli; anzi pjuttost u manifestament l-oppost!

Ghaldaqstant it-talbiet odjerni ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess rikorrent imputat.

Salvi risposti ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-konfront ta’ l-istess rikorrent moghtija fl-10 ta’ Mejju 1999 u l-atti relatati;

Rat l-atti l-ohra ta’ din il-procedura u senjatament in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Fir-rikors promotorju r-rikorrent qieghed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li saret vjolazzjoni fil-konfront tieghu ta’ l-artikoli 5(1)(a), 5(4) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dawn l-artikoli jipprovdu kif gej:

> *“ARTIKOLU 5*
> *(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna.*
> *Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:*
> *(a) id-detenzjoni skond il-ligi ta’ persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti.*
> ....
>
> *(4) Kull min ikun pprivat mil-liberta` tieghu b’arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta` tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.”*
>
> *“ARTIKOLU 6*
> *(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi.”*

Ir-rikorrent qieghed fl-ewwel lok jilmenta mill-fatt li wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-10 ta’ Mejju 1999 li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-2 ta’ Ottubru 1998 fejn huwa kien gie kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ta’ hames

snin, minghajr ma jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' Lm4000, huwa gie nfurmat mid-Direttur tal-Habs li l-perijodu li ghamel il-habs bejn l-ewwel sentenza u dik tal-Qorti ta' l-Appell ma kienx se jitnaqqaslu mill-piena.

Jirrizulta in effetti li fis-sentenza taghha ta' l-10 ta' Mejju 1999 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata minghajr ma ppronunzjat ruhha fuq il-perijodu li r-rikorrent kien jinsab il-habs pendenti l-appell. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jidher li qieghed jilmenta dwar dan u jsostni li b'hekk kien hemm zieda fil-piena kontra dak dispost mis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali.

Irridu ghalhekk inharsu lejn l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi dwar il-perijodu li akkuzat ikun taht kustodja. Dan l-artikolu jipprovdi li l-Qorti, *"hija u tiffissa l-piena li tisthoqq, **tista' tqis, fid-diskrezzjoni taghha**, kull zmien li tulu l-akkuzat kien inzamm f'kustodja, qabel ma nsab hati, minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom huwa jkun akkuzat."* Is-sinifikat u l-effett ta' dan l-artikolu gie ben deskritt fil-kawza fl-ismijiet "Alfred Bugeja vs Direttur tal-Habs et" deciza mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998:

> *"Huwa ovvju li dak li jfisser dan l'Artikolu m'huwa xejn hlief li dik il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li jekk jidhrilha opportun fl-iffissar tal-piena tnaqqas il-perijodu ta' l-arrest preventiv. Huwa ovvju wkoll li m'hijiex obbligata li tnaqqas l-arrest preventiv ... u huwa ovvju wkoll illi minn imkien ma jemergi fil-ligi illi jekk is-sentenza ma tkun tghid xejn dwar jekk sarx tnaqqis jew le taz-zmien inkors f'arrest preventiv dan ghandu jgib bhala konkluzjoni illi fi kwalunkwe kaz dak il-perijodu jigi kkonsidrat bhala li ghandu jigi mnaqqas ...dak illi wiehed jistenna li jsib affermat f'sentenza ta' qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, cioe` bhala dikjarazzjoni, huwa meta effettivament dik il-Qorti tkun naqqset iz-zmien ta' arrest preventiv imma mhux jekk ma tkunx naqqsitu. Fit-termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 9, tajjeb jew hazin, ir-regola tidher li hi li t-tnaqqis mill-piena tal-perijodu ta' l-arrest preventiv hija xi haga diskrezzjonali u certament mhux obbligatorja. Il-konsegwenza ta' dan hija li sakemm ma hemmx dikjarat fis-sentenza li qed jigi provdut ghal tali tnaqqis, wiehed jassumi li l-piena hi dik iffissata minghajr tali tnaqqis….*
>
> *L-unika okkazjoni fejn jista' jkun hemm lok ghal interpretazzjoni w intervent huwa meta jkun ovvju mis-sentenza stess jew mill-fatt li*

*l-piena nflitta maghduda mal-perijodu ta' l-arrest preventiv tkun teccedi l-massimu tal-piena, li bilfors kienet il-volonta` tal-qorti li jitnaqqas l-perijodu tal-kustodja preventiva."*

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-perijodi kollha maghdudin flimkien jeccedu l-piena massima applikabbli ghar-reati addebitati lir-rikorrent. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghalhekk ma kellha l-ebda obbligu li tippronunzja ruhha dwar il-perijodu li r-rikorrent ghamel taht kustodja pendenti l-appell. Wara kollox fil-paragrafu numru erbgha (4) fis-sentenza taghha kienet ghadha kemm spjegat is-sinifikat ta' l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kap 9 u cahdet l-aggravju ta' l-appellant dwar il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati kienet espressament ordnat li m'ghandux jitnaqqas iz-zmien tal-arrest preventiv. Jigifieri kienet ferm konxja mid-decizjoni finali li hadet.

Ir-rikorrent isostni li hu m'appellax mill-kapi kollha stante li fir-rigward ta' l-akkuza ta' pussess ta' droga (cannabis ghall-uzu personali) huwa m'appellax u hemm is-sentenza saret definittiva u allura l-arrest preventiv spicca ghal dak li jirrigwarda dak ir-reat. Il-Qorti ma tistax tikkondividi dan ir-ragunament. L-ewwelnett huwa interessanti l-fatt li filwaqt li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jaghmel dan ir-ragunament fit-tieni u fil-hames paragrafi, fir-raba' paragrafu jirreferi ghall-perijodu pendenti l-appell bhala ta' arrest preventiv. Mela jew hu jew mhuwiex perijodu ta' arrest preventiv. Meta r-rikorrent iddikjara li se jappella, giet sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza kollha u mhux partijiet minnha (artikolu 416(3) tal-Kap 9). L-appell sar fuq is-sentenza kollha u mhux parti minnha. Huwa veru li talab konferma ta' dik il-parti fejn sabitu hati ta' pussess ta' cannabis ghall-uzu personali izda anke f'dar-rigward talab riforma fil-piena billi tigi ridotta ghall-fattispecie tal-kaz. Naturalment kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet l-appell tieghu, il-piena kienet tkun ferm differenti.

Ir-rikorrent isostni wkoll li jekk tizdied id-durata tan-nuqqas tal-liberta`, dan ma jkunx kopert bil-ligi. Dan l-argument huwa fallaci. L-artikolu 416 (3) tal-Kap 9 jipprovdi li d-dikjarazzjoni ta' l-appell twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-perusna misjuba hatja li tkun taht arrest u din il-persuna tista' taqla', fiz-zmien li hemm ghall-appell u matul is-smigh ta' l-appell, il-helsien mill-arrest, fil-kazijiet li l-helsien mill-arrest jista' jinghata taht id-dispozizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodici. Jigifieri l-ligi stess tipprovdi ghall-possibilita` li, pendenti appell, il-persuna taht arrest titlob ghall-helsien mill-arrest, haga li mill-atti processwali ma jirrizultax li r-rikorrent ttenta pendenti l-appell. Issa l-arrest preventiv u l-karcerazzjoni wara kundanna

huma zewg ragunijiet separati li jiggustifikaw telfien legali u legittimu tal-liberta` personali ta' l-individwu, u ma hemm ebda htiega illi biex raguni wahda tkun valida trid eventwalment tinkorpora ruhha fir-raguni l-ohra. Fis-sentenza fuq citata l-Onor. Qorti Kostituzzjonali affermat li l-arrest preventiv u l-kustodja preventiva huma regolati kemm mill-Kostituzzjoni (art. 34(1)(f) u 34(1)(b)) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea (art. 5(1)(c) u 5(1)(a)) separatament u indipendentement mill-eventwali sentenza li tista' tinghata, li tista' tkun wahda liberatorja kif ukoll kundannatorja.

> *"Il-fatt li tista' tinghata sentenza liberatorja ma jfissirx illi l-arrest preventiv u l-kustodja preventiva sfaw delegittimati, kif lanqas ifisser illi jekk ikun hemm kundanna din ghandha tigi interpretata bhala li ghandha bhala konsegwenza l-legittimazzjoni w il-gustifikazzjoni ta' l-arrest u tal-kustodja preventiva, jew li l-legittimazzjoni u gustifikazzjoni ta' l-arrest u kustodja preventiva jiddependu mit-tnaqqis tal-perijodu inkors f'din il-kundizzjoni mill-piena."*

Konsegwentement id-Direttur tal-Habs huwa korrett fl-interpretazzjoni tieghu tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-perijodu li ghalih gie kundannat ir-rikorrent jibda jiddekorri mid-data ta' dik is-sentenza u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Dak li qalet l-Onor. Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza citata japplika wkoll ghal dan il-kaz:

> *"Skond l-appellat id-Direttur tal-Habs imissu arroga ghalih drittijiet illi jara illi tigi skontata piena anqas minn dik li effettivament giet inflitta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Dana evidentement ma huwiex korrett. Anzi din il-Qorti tafferma illi kien ikun qieghed jagixxi bl-aktar mod irregolari u abbuziv id-Direttur tal-Habs kieku ghamel dak illi qed jippretendi li jmissu ghamel ir-rikorrent appellat."*

Fl-ahharnett ir-rikorrent jilmenta li ma kellux "a trial within a reasonable time". Jidher li hawn qed jirreferi ghall-procedura fl-appell li damet seba' xhur.

Fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths, 1995), l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, b'riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ighidu f'pagna 223:

> *"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the partiular circumstances of the case. There is no absolute time limit. Factors that are layws taken into account are the compexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the competent administrative and judicial authorities. No particular factor is conclusive; the approach must be to examine them separately and thwn to assess their cumulative effect."*

Jirrizulta li r-rikors ta' l-appell gie ntavolat fit-13 ta' Ottubru 1998, gie appuntat ghat-12 ta' Frar 1999 meta gie trattat u gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-10 ta' Mejju 1999 meta fil-fatt gie deciz. Jidher ghalhekk li ma kien hemm l-ebda telf ta' zmien fil-proceduri fl-appell. Mis-sentenza jirrizulta li biex il-Qorti waslet ghas-sentenza "qrat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza". L-atti fil-fatt huma pjuttost voluminuzi. Il-Qorti tista' tapprezza sew il-hin li hu fizikament mehtieg sabiex jigu ezaminati dawn l-atti u dak mehtieg biex tigi redatta s-sentenza. Inoltre l-Onor. Imhallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa wkoll wiehed mill-Onor. Imhallfin sedenti fil-Qorti Kriminali li x-xoghol mehtieg f'dik il-Qorti huwa ben maghruf. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-perijodu ta' seba' xhur ma jistax jitqies "unreasonable", aktar u aktar meta wiehed jipparagonah mal-kawza "B. vs Austria" (A 175 – 1990) fejn instab li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(1) peress li qorti ta' appell hadet sentejn u disa' xhur biex tirredigi sentenza dwar persuna li kienet taht kustodja.

Minn dan kollu suespost ghalhekk il-Qorti ma tirravviza l-ebda vjolazzjoni ta' ligi sostantiva jew procedurali kif jippretendi r-rikorrent u l-ebda vjolazzjoni tal-provvedimenti opportuni tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra tieghu.

**Onor Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**